**20 ta' Novembru, 1961**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**
**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**
**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Duminku Farrugia

*versus*

Maria Giordimaina

**Lokazzjoni — Bord tal-Kera — Ġudikat — Rinunzja għall-Effetti ta' Sentenza ta' Żgumbrament.**

*Il-fatt li l-lokatur ikun żmien qabel ottjena sentenza mill-Bord tal-Kera li biha ġie ordnat l-iżgumbrament tal-inkwilin, u li dik is-sentenza ma ġietx eżegwita, ma jikkostitwix ġudikat ostattiv li jipprekludi lil dak il-lokatur jitlob mill-ġdid l-iżgumbrament ta' dak l-inkwilin minn dak il-post ta' qabel; għaliex il-lokatur jista' dejjem jirrinunzja għall-effetti ta' sentenza ta' żgumbrament minnu ottenuta.*

Il-Qorti:— Rat it-talba tar-rikorrent quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera biex jiġi awtorizzat jirriprendi pussess tal-fond 32 Tal-Virtù Road, Rabat, billi jridu għalieh u għall-familja tiegħu, peress illi qegħdin isiru proċeduri kontra tiegħu quddiem il-Bord tal-Qbejjel biex jiġi żgumbrat minn fejn joqgħod;

*Omissis;*

Rat ir-risposta ulterjuri tal-intimata, li biha ssottomettiet illi s-sentenza tal-Bord tal-14 ta' April 1950 fil-kawża fl-istess ismijiet hija ta' ostakolu għall-azzjoni od-

jerna, peress illi r-rikorrent kien ottjena sentenza ta' żgumbrament kontra tagħha — sentenza li ma ġietx eżegwita;

Rat is-sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera tal-20 ta' Lulju 1961, li, prevju riġett tal-eċċezzjoni tar-"res judicata" mogħtija mill-intimata, laqgħet it-talba u tat xahrejn żmien lill-intimata biex tiżgombra; bl-ispejjeż bla taxxa; billi l-Bord ikkunsidra;

Illi mill-provi rriżulta illi r-rikorrent, li għandu l-mara u tifel ta' sittax il-sena, verament ġie kundannat jiżgombra mill-post fejn joqgħod b'sentenza tal-Bord tal-Qbejjel (dok. R), u kellu żmien biex jiżgombra sal-ewwel ta' April 1961. Huwa ma għandux band'oħra fejn imur joqgħod ħlief il-post in kwistjoni, u għalhekk ma offra ebda "alternative accomodation";

L-intimata hija mara weħedha, u lanqas hi ma għandha band'oħra fejn tmur toqgħod;

Huwa ċar li l-"hardship" ikun akbar għar-rikorrent kieku t-talba kellha tiġi miċħuda; mhux biss għaliex huwa s-sid u l-iżgumbrament huwa ġenwin, u għalieh ir-rikorrent ma kkontribwixxa bl-ebda mod, għaliex dovut għall-fatt li r-raba' sejjer jingħata għall-bini u kwindi ma jistgħax jibqa' jgħix fil-bini kostruwit fuq dak ir-raba', imma anki għaliex il-familja tiegħu tikkonsisti fi tlieta minn nies mentri l-intimata hija weħedha;

Is-sentenza l-oħra tal-14 ta' April 1950 ċitata millintimata ma tistgħax tkun ta' ostakolu għall-azzjoni odjerna għaliex ir-rikorrent seta' dejjem jirrinunzja għalleffetti ta' dik is-sentenza;

Rat ir-rikors tal-intimata, li bih din appellat mis-sentenza fuq imsemmija tal-Bord li Jirregola l-Kera tal-20 ta' Lulju 1961, talbet ir-revoka tagħha u r-revoka tad-digriet tal-Bord tal-20 ta' Lulju 1961, billi hija tiġi awtorizzata tipproduċi x-xhieda li ġew lilha miċħuda b'dak id-digriet, u talbet iċ-ċaħda tat-talba tal-appellat; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Fuq id-digriet tal-Bord tal-20 ta' Lulju 1961, illi fil-11 ta' Lulju 1961 il-Bord kien ħalla l-kawża għas-sentenza, u lejliet is-sentenza l-appellanti kienet għamlet rikors fejn talbet li jinstemgħu xi xhieda li ma kienux instemgħu fis-seduta ta' qabel. Il-Bord ċaħad dik it-talba, billi, tajjeb jew ħażin, skond it-traskrizzjoni tad-digriet, ikkunsidra li fis-seduta ta' qabel l-intimata ma kienetx insistiet għas-smiegħ ta' xhieda oħra, u s-smiegħ ta' dak ix-xhud inqala' mill-aħħar differiment. Għandu jiġi rilevat li t-traskrizzjoni tad-digriet fl-aħħar parti ma tidherx konformi għal dak li kiteb fuq ir-rikors il-Maġistrat li kien qed jippresjedi l-Bord, billi fuq ir-rikors jidher li l-Maġistrat kiteb li "l-bżonn ta' dak ix-xhud ma nqalax mill-aħħar differiment". B'dan kollu, b'dak id-digriet il-Bord ma qata' ebda pont ta' liġi, iżda uża biss mid-diskrezzjoni mogħtija lilu mil-liġi bl-art. 204 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, li jrid li jkun hemm ġusta kawża, u għalhekk ċaħad it-talba. Għaldaqstant, dak id-digriet mhuwiex appellabbli;

Fuq is-sentenza, l-appellanti ssostni illi l-Bord iddeċieda ħażin il-punt legali sollevat minnha bl-eċċezzjoni ulterjuri, billi din ma kienetx dik tar-"res judicata", iżda tas-"self inflicted hardship";

L-appellanti quddiem il-Bord tal-Kera kienet issottomettiet illi s-sentenza tal-Bord tal-14 ta' April 1950 kienet ta' ostakolu għall-azzjoni odjerna, peress li biha r-rikorrent kien ottjena żgumbrament kontra l-appellanti, u ma eżegwiehx kif kien obligat. Iżda l-Bord fis-sentenza ma ddeċidiex ħażin meta qal li r-rikorrent seta' jirrinunzja għall-effetti tas-sentenza mogħtija aktar minn għaxar snin qabel dik il-kawża, preżumibbilment meta ċ-ċirkustanzi tal-lum ma kienux għadhom inħolqu. L-appellanti allura fformulat l-eċċezzjoni bħala dik ta' sentenza ostattiva għall-azzjoni, u din tammonta għal eċċezzjoni tar-"res judicata";

Fuq il-kumplament, il-Bord ma għamelx ħlief apprezzament ta' "hardship"; u dan huwa punt ta' fatt, u mhux

ta' liġi; għaldaqstant din il-Qorti fuq dak l-apprezzament ma tindaħalx;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż ta' din l-istanza kontra l-appellant; iżda tordna li t-terminu mogħti għall-iżgumbrament jibda mil-lum.